MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 38/2014

**Port Estates Limited**

**Vs**

**L-Avukat Dottor Jean Paul Grech li b'digriet tad-19 ta' Dicembru 2014 gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapresenta il wirt battal ta' 'Johannes Coenrad Kegler maghruf bhala Joop Kegler (146723 A) li miet fit-18 ta' Settembru 2014.**

**It-Tribunal**

Ra' l-avviz li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lilha is-somma ta' elfejn disa mija u disgha u disghin Ewro u wiehed u tletin centezmu (€2999.31) dovuti kwantu ghal elf sitt mija u hamsa u ghoxrin Ewro (€1625) bhala arrettrati ta' hlas ta' kera tal-fond Penthouse 11 Block B Port Mansions, Triq is-Sajjied, Marsalforn limiti Zebbug Ghawdex minn l-1 ta'

Lulju 2014 sal 15 ta’ Settembru 2014; u kwantu ghal elf tlett mija u erbgha u sebghin Ewro disgha u tletin centezmu (€1374.39) bala arretrati tal-hlas ta’ l-elettriku u l-ilma. Bl-ispejjes kif mitlub fl-avviz.

Ra’ r-risposta tal-kuratur deputat fejn eccepixxa illi ma hux edott mill-fatti li taw lok ghal kawza izda ghal kull fini oppona t-talba.

Ra’ l-atti kollha, nkluzi d-dokumenti esebiti.

Sema x-xhieda.

Ra’ d-digriet tieghu tal-lum stess li permezz tieghu din il-kawza giet posposta ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum .

Ikkunsidra.

Illi fis-seduta tal-lum sema lil Anthony Ellis jikkonferma illi d-debtu intier ghadu dovut lil kumpanija attrici. Spjega illi kemm il-kera kif ukoll il-kont tas-servizzi baqghu ma thallsux.

It-Tribunal ra ukoll l-kuntratt tal-kera kif ukoll il-kontijiet tas-servizzi esebiti; minn fejn jirrizulta illi t-talba attrici tinkwadra ruhha perfettament f’dawk id-dokumenti.

Peress illi ghalhekk it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita li tigi akkolta.

It-Tribunal jaqta u jddeciedi din il-kawza billi jilqa’ t-tabiet attrici; jikkundanna lil konvenut nomine ihallas lil kumpanija attrici s-somma ta’ elfejn disa mija u disgha u disghin Ewro u wiehed u tletin centezmu (€2999.31); bl-imghaxijiet mid-data ta’ dan l-avviz il-quddiem u bl-ispejjes kollha nkluzi dawk tal-madat ta’ sekwestu imsemmi fl-avviz. L-ispejjes tal-kuratur deputat jithallsu provvizorjament mill-kumpanija attrici.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------